



Brussell, 27 ta' Mejju 2024
(OR. en)

9225/24

COPS 209	ESPACE 41
POLMIL 139	POLMAR 16
CIVCOM 107	TRANS 213
EUMC 197	PESCO 3
INDEF 24	FIN 477
HYBRID 58	CSC 321
DISINFO 60	CFSP/PESC 622
CYBER 133	CSDP/PSDC 284

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: ST 9223/24 COPS 207 POLMIL 137 CIVCOM 105 EUMC 195 INDEF 22
HYBRID 56 DISINFO 58 CYBER 131 ESPACE 39 POLMAR 14 TRANS
211 PESCO 1 FIN 459 CFSP/PESC 620 CSDP/PSDC 282

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sigurtà u d-Difiża tal-UE

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sigurtà u d-Difiża tal-UE,
kif approvati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fis-27 ta' Mejju 2024.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sigurtà u d-Difiża tal-UE**Introduzzjoni**

1. L-UE qed tiffaċċa taħlita bla preċedent ta' theddid u sfidi li spiss huma interkonnessi. L-ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli qed tiġi kkontestata dejjem aktar minn setgħat reviżjonisti u reġimi awtoritarji filwaqt li t-tensjonijiet internazzjonali qed jiżdiedu. Il-gwerra reġgħet lura fl-Ewropa. Il-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna, ksur serju tad-dritt internazzjonali, toħloq theddida eżistenzjali għas-sigurtà Ewropea. L-attakki terroristiċi brutali tal-Hamas kontra Iżrael u l-gwerra sussegwenti f'Gaza wasslu għal katastrofi umanitarja gravi u żieda fit-tensjonijiet fil-Lvant Nofsani. F'dan ir-rigward, il-Kunsill ifakkar fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' April 2024 u jibqa' impenjat bis-siġħ sabiex jinkiseb waqfien mill-ġlied immedjat, ir-rilaxx mingħajr kundizzjonijiet tal-ostaġġi kollha, kif ukoll jingħata aċċess mingħajr xkiel għall-għajnuna umanitarja fuq skala kbira għall-Palestinjani fil-bżonn. L-UE tibqa' impenjata bis-siġħ għal paċi dejjiema u sostenibbli bbażata fuq is-soluzzjoni ta' żewġ stati. Wara kolpi ta' stat militari u interferenza dejjem akbar tal-kompetituri strateġiċi tagħna fis-Saħel, l-UE qed tadatta r-rwol tagħha bħala fornitur tas-sigurtà u l-preżenza ċivili u militari tagħha fir-reġjun. Kriżijiet u kuntesti fraġli oħra, spiss b'impatt umanitarju devastanti, ser jeħtieġu impenn kontinwu – pereżempju fil-Balkani tal-Punent, il-Viċinat tal-Lvant, ir-Reġjun tal-Baħar l-Iswed, il-Kawkasu tan-Nofsinhar, il-Viċinat tan-Nofsinhar, il-Qarn tal-Afrika, u l-Golf tal-Guinea.

2. Mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna fi Frar 2022 u abbażi tal-Boxxla Strateġika, kif ukoll id-Dikjarazzjoni ta' Versailles f'Marzu 2022, ir-rwol tal-UE b'ħala attur tas-sigurtà u d-difiża ssaħħa b'mod sinifikanti. Il-Kunsill jilqa' l-progress li sar kif rifless fir-Rapport ta' Progress Annwali tar-Rappreżentant Għoli dwar l-implimentazzjoni tal-Boxxla Strateġika ta' Marzu 2024 u jistenna b'interess ir-reviżjoni tal-Analiżi tat-Theddid fl-2025. Jenħtieġ li l-UE tkompli żżid l-istat ta' tħejjija tagħha fil-qasam tad-difiża u ssaħħa is-sovrani tagħha permezz ta' sforzi addizzjonali f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-21 u t-22 ta' Marzu 2024 u l-kompetenzi tal-Istati Membri. Jenħtieġ ukoll li ssaħħa it-tħejjija ċivili u militari tagħha fid-dawl tax-xenarju tat-theddid li qed jevolvi. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-UE żżid l-isforzi biex tipprevjeni u tirrispondi aktar malajr għall-kriżijiet b'mod integrat, flimkien mas-sħab kull meta jkun possibbli, biex issostni l-paċi u ssaħħa l-istat tad-dritt. Mingħajr preġudizzju għan-natura speċifika tal-politika ta' sigurtà u difiża ta' ċerti Stati Membri u filwaqt li jittieħed kont tal-interessi tas-sigurtà u d-difiża tal-Istati Membri kollha, il-Kunsill illum jaqbel dwar il-ħames priyoritajiet ewlenin li ġejjin għall-perjodu li ġej, ukoll bil-ħsieb tal-Aġenda Strateġika li jmiss:

L-appoġġ sod tal-UE lill-Ukrajna

Impenji ta' sigurtà

3. Il-Kunsill ifakkar li l-UE hija soda daqs qatt qabel fl-appoġġ tagħha għall-indipendenza, is-sovranià u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fi ħdan il-fruntieri rikonoxxuti internazzjonalment tagħha. F'dan ir-rigward, l-UE u l-Istati Membri tagħha huma determinati li jkomplu jipprovdu lill-Ukrajna u lill-poplu tagħha l-appoġġ politiku, finanzjarju, ekonomiku, umanitarju, militari u diplomatiku kollu meħtieġ sakemm ikun hemm bżonn u bl-intensità li tkun meħtieġa. F'dan ir-rigward, il-Kunsill għandu l-għan li jiffirma l-impenji ta' sigurtà tal-UE lejn l-Ukrajna sal-aħħar ta' Ġunju. Flimkien ma' arranġamenti bilaterali, dawn ser jgħinu lill-Ukrajna tiddefendi lilha nnifisha, tirreżisti l-isforzi ta' destabbilizzazzjoni, u tiskoraġġixxi atti ta' aggressjoni fil-futur. L-impenji tal-UE dwar is-sigurtà ser jiffurmaw qafas għal appoġġ prevedibbli, fit-tul, u sostenibbli għas-sigurtà u d-difiża tal-Ukrajna, u għandhom jitqiesu b'mod olistiku. Il-Kunsill jenfasizza wkoll il-ħtieġa għal approċċ strateġiku għar-reġjun tal-Baħar l-Iswed.

4. Il-Fond ta' Assistenza għall-Ukrajna (UAF) stabbilit reċentement, bħala parti mill-Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF), ser ikompli jkun xprunat mill-urġenza u l-ħtiġijiet li qed jevolvu tal-Forzi Armati Ukreni. Il-Kunsill jilqa' l-progress fl-atti legali addizzjonali bil-ħsieb tal-implimentazzjoni tal-Fond ta' Assistenza għall-Ukrajna u miżuri oħra ta' assistenza taħt l-EPF, f'konformità mar-regoli ta' implimentazzjoni tal-Faċilità. Il-Kunsill jilqa' wkoll il-progress fl-abbozzi tal-atti legali dwar id-direzzjoni ta' dħul straordinarju li jirriżulta mill-assi immobilizzati tar-Russja għall-benefiċċju tal-Ukrajna, b'mod partikolari bil-ħsieb li jiġu indirizzati l-ħtiġijiet militari l-aktar immedjati tagħha, b'mod partikolari permezz tal-EPF.

Munizzjon u difiża tal-ajru

5. Barra minn hekk, il-Kunsill jenfasizza l-importanza kritika ta' konsenji aċċellerati u intensifikati ta' materjal militari abbażi tal-ħtiġijiet urġenti tal-Ukrajna, partikolarment il-munizzjon, b'mod partikolari għall-artillerija, il-missili, id-difiża tal-ajru u s-sistemi tal-artillerija, u d-droni, filwaqt li jkomplu jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-Ukrajna fuq terminu medju u twil. Huwa jilqa' l-inizjattivi reċenti tal-Istati Membri f'dan ir-rigward u ser ikompli jinċentiva aktar konsenji. Il-Kunsill jappella lill-Istati Membri biex jagħmlu wkoll aktar użu mill-Kuntratti Qafas tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA) u tan-"nazzjonijiet gwida" biex iwasslu b'mod urġenti aktar munizzjon u missili lill-Ukrajna.

6. Il-Kunsill jilqa' l-ħidma eċċellenti tal-Missjoni ta' Assistenza Militari tal-UE (EUMAM) li ser tkun ħarrġet 60 000 suldat Ukren sal-aħħar tas-sajf tal-2024. Il-Missjoni ser tkompli twieġeb għall-ħtiġijiet urġenti u li qed jevolvu tal-Forzi Armati tal-Ukrajna, f'koordinazzjoni mas-sħab. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jilqa' t-twessigħ tal-ambitu tat-taħriġ għall-oqsma marittimi u tal-ajru u jenfasizza l-importanza li titkompla l-enfasi fuq il-kwalità tat-taħriġ għas-soldati Ukreni u l-kontribut tagħhom biex jinkiseb effett operazzjonali. Il-Kunsill jistenna b'interess ir-Rieżami Strateġiku li jmiss tal-Missjoni, b'mod partikolari bil-ħsieb li jitkomplew il-ħtiġijiet urġenti relatati mal-gwerra u l-ħtiġijiet fuq terminu medju sa twil bħar-riforma tas-settur tad-difiża tal-Ukrajna. Il-Kunsill jilqa' wkoll it-tisħiħ reċenti tal-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea (EUAM) fl-Ukrajna li ser jippermetti li jizzied l-appoġġ għall-aġenziji tal-infurzar tal-liġi Ukreni fit-territorji liberati u adjaċenti tal-Ukrajna u għar-riformi rilevanti tas-settur tas-sigurtà ċivili, anke fil-kuntest tal-proċess ta' adeżjoni tagħha mal-UE, kif ukoll l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tad-delitti internazzjonali mwettqa mir-Russja.

Nonfqu aktar u aħjar flimkien

7. Ir-ritorn ta' gwerra ta' intensità għolja fil-kontinent Ewropew jirrikjedi li niżguraw, b'mod urġenti u fuq skala kbira, id-disponibbiltà ta' prodotti tad-difiża. Il-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) trid tkun kapaċi tipprovdi għall-ħtiġijiet tal-forzi armati tal-Istati Membri kif ukoll għal sħab fejn ikun meħtieġ. Filwaqt li żżid il-livell ta' tħejjija u l-kapaċità tal-produzzjoni tagħha, jenħtieġ li l-EDTIB, inkluż l-SMEs u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja kostitwenti tagħha, tkun tista' tiżviluppa kapaċitajiet tal-ġenerazzjoni li jmiss u mill-aktar avvanzati u tkun fuq quddiem nett tal-innovazzjoni teknoloġika, u tal-kompetizzjoni f'xenarju varjat, bl-użu tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża bħala pjattaforma għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni u l-koordinazzjoni tal-pożizzjonijiet tal-Istati Membri.

Il-Prijoritajiet tal-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet riveduti maqbula f'Novembru 2023 jindirizzaw l-ispettru sħiħ tal-kapaċitajiet l-aktar meħtieġa u l-aktar urġenti. Il-Kunsill jenfasizza li dawn il-prijoritajiet iservu bħala r-referenza ewlenija għall-inizjattivi tad-difiża u l-politiki u l-istrumenti kollha tal-UE relatati mad-difiża li jappoġġaw l-ippjanar u l-ipprogrammar kollaborattivi fil-livell nazzjonali u tal-UE. Il-Kunsill jilqa' wkoll il-ħidma mwettqa miċ-Ċentru tal-EDA għall-Innovazzjoni fid-Difiża Ewropea f'sinerġija mal-Iskema tal-UE għall-Innovazzjoni fid-Difiża tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kunsill jilqa' wkoll ir-Rieżami fit-Tul tal-EDA tal-2024, li jibni fuq il-gwida pprovduta mill-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2023, u jappella għall-implimentazzjoni sħiħa tiegħu. F'dan il-kuntest, huwa jissottolinja l-impetu politiku li jinsab fih filwaqt li jtenni r-rwol tal-EDA fix-xenarju Ewropew tal-kapaċitajiet.

F'konformità mal-Boxxla Strateġika, il-Kunsill ifakkar fir-rieda li jissaħħu l-awtonomija strateġika tal-UE u l-kapaċità tagħha li taħdem ma' sħab biex tissalvagwardja l-valuri u l-interessi tagħha. UE aktar b'saħħitha u aktar kapaċi fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża ser tikkontribwixxi b'mod pożittiv għas-sigurtà globali u trans-Atlantika u hija komplementari għan-NATO, li tibqa' l-pedament tad-difiża kollettiva għall-membri tagħha. F'dan ir-rigward, il-Kunsill ifakkar fil-prinċipji gwida stabbiliti fit-Trattati u dawk maqbula mill-Kunsill Ewropew.

Strateġija għall-Industrija tad-Difiża Ewropea

8. Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon il-preżentazzjoni tal-Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni Ewropea u tar-Rappreżentant Għoli dwar Strateġija ġdida għall-Industrija tad-Difiża Ewropea u jappella biex il-ħidma kollha fuqha titmexxa 'l quddiem f'koordinazzjoni mal-Istati Membri. Il-Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea li jakkumpanja, propost mill-Kummissjoni, huwa pass kbir lejn l-implimentazzjoni tal-Istrateġija u n-negozjati li għaddejjin dwar dan l-istrument għandhom ikomplu b'ritmu mgħaġġel. It-tnejn li huma għandhom joffru metodi kif jista' jinkiseb titjib fl-istat ta' tħejjija tad-difiża tal-UE u ser jikkomplementaw l-għodod, l-istrumenti, l-istrutturi u l-inizjattivi eżistenti tad-difiża tal-UE u jkunu għalkollox koerenti magħhom, filwaqt li tiġi evitata duplikazzjoni bla bżonn.

9. It-titjib tal-istat ta' tħejjija tad-difiża tal-UE u t-tisħiħ tas-sovranità tal-Unjoni ser jirrikjedu sforzi addizzjonali, skont il-kompetenzi tal-Istati Membri. Il-Kunsill jaqbel li jenħtieġ li jkun hemm EDTIB b'saħħitha u li ninvestu aktar, aħjar, u flimkien bħala prerekwiżiti essenzjali. Għal dak il-għan, il-Kunsill:
- ifakkar fl-impenn kondiviż biex jiżdied b'mod sostanzjali l-infiq fuq id-difiża u jsir investiment aħjar u aktar rapidu flimkien, b'implimentazzjoni tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2024, u jheghegħ sforzi msaħħa għall-investiment matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-kapaċità u abbażi tal-prijoritajiet tal-iżvilupp tal-kapaċitajiet maqbula mill-Istati Membri;
 - jagħraf il-ħtieġa li tiżdied u tiġi żgurata d-disponibbiltà f'waqtha tal-prodotti tad-difiża billi tiġi żviluppata EDTIB aktar reattiva u reżiljenti madwar l-Unjoni li tkun kapaċi tiżgura s-sigurtà tal-provvista, b'kont meħud tal-miżuri eżistenti tal-Istati Membri, u, abbażi tad-Dikjarazzjoni ta' Versailles u l-Boxxla Strateġika, huwa impenjat biex jitnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi;
 - ifakkar li l-EDTIB teħtieġ investimenti sinifikanti u sostnuti mill-Istati Membri u, mingħajr preġudizzju għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss, mill-Unjoni, biex tirfed l-istat ta' tħejjija fir-rigward tad-difiża tal-UE;

- jissottolinja l-importanza ta' finanzjament adegwat u konsistenti għall-istat ta' tħejjija fir-rigward tad-difiża tal-UE;
- jenfasizza l-ħtieġa li jitjieb l-aċċess għall-finanzi pubbliċi u privati għall-EDTIB. Dan japplika b'mod speċjali għall-SMEs. Jenfasizza wkoll li l-qafas ta' finanzjament sostenibbli ma jfixkilx il-finanzjament tas-settur tad-difiża u jirrikonoxxi li l-industrija tad-difiża tista' ggħib ukoll għadd sostanzjali ta' benefiċċji ekonomiċi u impjiegi u tistimula l-innovazzjoni. Il-Kunsill jinnota l-funzjoni importanti ta' sinjalar tal-politiki tal-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) u jfakkar fl-istedina tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2024 biex dan jadatta l-politika tiegħu għas-self lill-industrija tad-difiża u d-definizzjoni attwali tiegħu ta' oġġetti b'użu doppju, filwaqt li jħares il-kapaċità tiegħu ta' finanzjament;
- ifakkar fl-istedina mill-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2024 biex jiġu esplorati l-għażliet kollha għall-mobilizzazzjoni tal-finanzjament u jingħata rapport dwar dan sa Ġunju.

10. Il-Kunsill jaqbel li l-ambizzjoni tal-UE li tilħaq stat ta' tħejjija fir-rigward tad-difiża għandha tinkiseb ukoll permezz ta' sħubijiet. Huwa jappoġġa t-tisħiħ tal-kooperazzjoni, li twassal għal integrazzjoni progressiva tal-bażi teknoloġika u industrijali tad-difiża Ukrena fl-EDTIB. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon l-ewwel Forum tal-Industriji tad-Difiża UE-Ukrajna li sar fi Brussell fis-6 ta' Mejju 2024, u jistenna b'interess il-ftuħ ta' uffiċċju għall-innovazzjoni fi Kiev. Bl-istess mod, il-Kunsill iħeġġeġ lill-EDA biex tesplora r-reviżjoni possibbli tal-arranġament amministrattiv tagħha mal-ministeru tad-difiża tal-Ukrajna, hekk kif il-kundizzjonijiet jippermettu dan. Barra minn hekk, il-Kunsill jappella biex titmexxa 'l quddiem il-kooperazzjoni man-NATO fi kwistjonijiet tal-industrija tad-difiża b'mod li jkun ta' benefiċċju reċiproku, b'mod partikolari billi tissaħħaħ l-kooperazzjoni fl-implimentazzjoni tal-istandards.

Kooperazzjoni strutturata permanenti

11. Il-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO) hija qafas ċentrali biex tapprofondixxi l-kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża fost l-Istati Membri parteċipanti fil-livell tal-UE, billi ssaħħaħ it-tħejjija operazzjonali u l-interoperabbiltà, l-infiq u l-investiment fid-difiża, l-iżvilupp tal-kapaċitajiet, u l-kontribut tal-forzi armati tagħhom għall-missjonijiet l-aktar impenjattivi, kif ukoll billi tgħin biex tinbena kultura strateġika komuni. Ir-rieżami strateġiku tal-PESCO li għaddej bħalissa, li jindirizza kemm l-impenji aktar vinkolanti kif ukoll il-proġetti kollaborattivi, għandu jirriżulta f'PESCO aktar b'saħħitha u aktar strateġika u effettiva lil hinn mill-2025, li jirrifletti l-ambjent tas-sigurtà li qed jiddeterjora u jikkontribwixxi għall-istat ta' tħejjija tad-difiża tal-UE. Iż-żamma tal-ambizzjoni, l-iżgurar tas-sjieda politika u t-tisħiħ tal-komunikazzjoni strateġika, l-iffukar tal-isforzi tagħna fuq proġetti li jindirizzaw lakuni fil-kapaċitajiet strateġikament rilevanti, u l-konsolidazzjoni tal-koerenza mal-inizjattivi tad-difiża u l-politiki u l-istrumenti relatati mad-difiża tal-UE ser jippermettu lill-PESCO tirrispondi aħjar għall-ħtiġijiet operazzjonali u ta' kapaċità. Dan ser jgħin lill-Istati Membri parteċipanti jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom fil-qasam tad-difiża u jaġixxu aħjar flimkien kemm fit-terminu qasir kif ukoll fit-tul.

Żieda fil-kapaċità tal-UE li taġixxi

Il-Baħar l-Aħmar / ir-reġjun tal-Golf

12. Il-Kunsill jilqa' t-tnedija ta' EUNAVFOR ASPIDES, operazzjoni ta' sigurtà marittima difensiva b'mandat robust biex tikkontribwixxi għas-salvagwardja tad-dritt internazzjonali, ir-restawr tal-libertà tan-navigazzjoni, u l-protezzjoni tat-tbaħħir merkantili u l-baħħara tiegħu fl-Istrett ta' Baab al-Mandab u l-Istrett ta' Hormuz, kif ukoll l-ilmijiet internazzjonali fil-Baħar l-Aħmar, il-Golf ta' Aden, il-Baħar Għarbi, il-Golf tal-Oman, u l-Golf Persjan, f'koordinazzjoni ma' atturi oħra tas-sigurtà marittima, b'mod partikolari EUNAVFOR ATALANTA, EMASoH-Agenor, u l-Operazzjoni Prosperity Guardian. Huwa jilqa' l-ewwel riżultati operazzjonali ta' EUNAVFOR ASPIDES u jappella lill-Istati Membri biex jiżguraw ġenerazzjoni suffiċjenti u sostnuta tal-forza. Jenfasizza l-importanza ta' komunikazzjoni strateġika kontinwa u msaħħa lejn atturi reġjonali u ta' koordinazzjoni ottimali tal-azzjonijiet tal-Istati Membri biex inaqqsu t-tensjoni tal-konflitti u jiżguraw b'mod sostenibbli s-sigurtà u l-libertà tan-navigazzjoni fiż-żona tal-operazzjoni.

13. Għal aktar minn deċennju, l-UE investiet rizzorsi sinifikanti u skjerat persunal ċivili u militari fir-reġjun tas-Saħel. Bidliet reċenti fis-sitwazzjoni politika u ta' sigurtà affettwaw l-impenn tal-PSDK tagħna. Minkejja dawn l-isfidi, il-Kunsill jenfasizza li s-sigurtà u l-istabbiltà tas-Saħel jibqgħu prijorità fit-tul għall-UE. Jenfasizza l-importanza li jiġi adattat l-involviment tal-PSDK tagħna, fil-kuntest ta' approċċ reġjonali, biex ikun aktar flessibbli u modulari kif ukoll biex jiġi pprovdut appoġġ aktar imfassal apposta u mmexxi mid-domanda bbażat fuq il-ħtiġijiet u t-talbiet lokali kif ukoll is-sjieda u r-responsabbiltà. Il-Kunsill jilqa' l-Inizjattiva ċivili-militari tal-UE għas-Sigurtà u d-Difiża stabbilita reċentement b'appoġġ għall-pajjiżi tal-Afrika tal-Punent tal-Golf tal-Guinea, li għandha l-għan li tindirizza l-effetti konsegwenzjali mis-Saħel. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jinħolqu b'mod konġunt il-kundizzjonijiet għall-paċi u l-istabbiltà fit-tul inkluż permezz tal-bini ta' sjieda politika lokali fir-reġjun.

14. Il-Kunsill jilqa' l-ħidma importanti tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet ċivili u militari kollha tal-PSDK f'diversi partijiet tad-dinja. Is-saħħa tal-UE fil-prevenzjoni u l-indirizzar ta' konflitti u kriżijiet esterni tinsab fil-kapaċità tagħha li tuża mezzi kemm militari kif ukoll ċivili b'mod konġunt. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza strateġika tar-reġjun tal-Balkani tal-Punent għall-istabbiltà Ewropea, jafferma mill-ġdid l-importanza li jissaħħu r-rabtiet mar-reġjun abbażi ta' valuri u prinċipji kondiviżi u allinjament mal-PESK, u jtenni r-rieda tiegħu li jindirizza l-isfidi tas-sigurtà interna u esterna fir-reġjun. Huwa jirrikonoxxi l-kontribut ta' EUFOR Althea għall-ambjent sikur u sigur fil-Bożnija-Ħerzegovina u fir-reġjun, kif ukoll l-attivitajiet ta' stabbilizzazzjoni ta' EULEX Kosovo. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu li jkompli jappoġġa r-ritorn tal-istabbiltà u s-sigurtà fl-Iraq, permezz ta' EUAM Iraq, u fil-Libja, permezz ta' EUBAM Libya u l-Operazzjoni EUNAVFOR MED IRINI, inkluż il-kompitu ewlieni tagħha li tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-embargo tan-NU fuq l-armi għal-Libja, kif ukoll il-kompiti sekondarji tagħha. Huwa jissottolinja wkoll il-kontribut tal-EUNAVFOR MED IRINI għat-tfixkil tal-mudell kummerċjali tan-networks ta' faċilitazzjoni ta' dħul klandestin u traffikar tal-bnedmin permezz tal-ġbir ta' informazzjoni. Huwa jissottolinja li EUPOL COPPS u EUBAM Rafah għandhom ikomplu jassumu rwol importanti fil-bini tal-kapaċità istituzzjonali tal-Awtorità Palestinjana, b'mod partikolari fir-rigward tal-pulizija ċivili, il-ġustizzja, u l-ġestjoni tal-fruntieri, bħala parti mill-impenn politiku ġenerali usa' għas-soluzzjoni ta' żewġ stati u l-vijabbiltà ta' stat Palestinjan futur li għalih l-UE tibqa' impenjata bis-siġħ.

Il-Kunsill jenfasizza wkoll il-ħtieġa għal flessibbiltà biex jiġu adattati, kif meħtieġ, iż-żewġ missjonijiet biex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet politiċi u ta' sigurtà futuri. Il-Kunsill jilqa' l-kontribut imsaħħaħ tal-PSDK għall-paċi u s-sigurtà fil-Mozambique, permezz tal-EUTM Mozambique, u fil-Qarn tal-Afrika, permezz ta' EUCAP Somalia, EUTM Somalia, u EUNAVFOR ATALANTA filwaqt li jfaħħar il-kontribut tagħha biex tiskoraġġixxi l-piraterija u tipproteġi l-Programm Dinji tal-Ikel u tbaħħir vulnerabbli ieħor. Il-Kunsill itenni l-impenn tal-UE li timmobilizza b'mod effettiv il-firxa sħiħa tal-għodod u l-politiki tagħha fir-reġjun, filwaqt li tiżgura s-sjieda sħiħa tas-sħab.

15. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-importanza dejjem akbar tal-missjonijiet ċivili kollha tal-PSDK fl-ambjent ġeostrateġiku tal-lum bħala għodda politika u operazzjonali unika għall-UE biex tappoġġa lill-pajjiżi ospitanti fil-viċinat tagħha u lil hinn minnu, u jissottolinja l-ħtieġa li jissaħħu l-kapaċitajiet u r-riżorsi umani tagħhom. Il-Kunsill jenfasizza b'mod partikolari t-tneġġa rapida tal-Missjoni tal-UE fl-Armenja u l-Missjoni ta' Sħubija tal-UE fir-Repubblika tal-Moldova fl-2023, it-tneġġa adattabbli għas-sitwazzjonijiet u t-theddid ta' sigurtà rispettivi, u l-ħtiġijiet dejjem akbar tal-pajjiżi ospitanti u l-popolazzjoni tagħhom. Il-Kunsill jissottolinja l-ħidma importanti kontinwa tal-EUMM Georgia, li tibqa' fattur ewlieni ta' stabbilizzazzjoni fil-pajjiż.

16. Il-Kunsill itenni l-importanza ewlenija tal-EPF bħala strument globali b'appoġġ għall-oġġettivi taġġna tal-PESK/PSDK, li jippermetti assistenza militari u ta' difiża mmirata b'rispons għall-ħtiġijiet tal-pajjiżi sħab.
17. Il-Kunsill jilqa' l-adozzjoni tal-Politika ta' Diliġenza Dovuta tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Dritt Umanitarju Internazzjonali dwar l-appoġġ tas-settur tas-sigurtà lil partijiet terzi (EU HRDDP) u jappella għall-implimentazzjoni rapida u sħiħa taġġha mill-atturi kkonċernati kollha. Il-Kunsill ihegġegħ żieda fl-isforzi biex jintlaħqu l-oġġettivi tan-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà u jilqa' l-impenn imġedded għall-promozzjoni tal-aġenda dwar it-Tfal Affettwati mill-Konflitti Armati (CAAC), inkluż ir-reviżjoni tal-lista ta' kontroll għall-integrazzjoni tal-CAAC fil-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK.
18. Il-Kunsill jilqa' l-isforzi li għaddejjin biex il-kunċett ta' Stabbilizzazzjoni tal-UE tal-2022 jiġi operazzjonalizzat, bl-użu tal-għodod u l-istrumenti rilevanti kollha, mis-SEAE, is-servizzi tal-Kummissjoni, u l-Istati Membri f'konformità mal-approċċ integrat għall-konflitti u l-kriżijiet esterni.

19. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza tal-operazzjonalizzazzjoni sħiħa tal-Kapaċità ta' Skjerament Rapidu tal-UE sal-2025. Huwa jappella għal kontributi kontinwi tal-forzi u l-kapaċitajiet tal-Istati Membri għal dan l-għan. Illum huwa japprova ż-żewġ xenarji operattivi ġeneriċi li fadal (l-infurzar tal-paċi, il-prevenzjoni tal-konflitti/it-tisħiħ tal-kapaċitajiet). Il-Kunsill jinnota li, ladarba jiġu żviluppati d-dokumenti sussegwenti ta' ppjanar ta' kontinġenza, l-UE ser tkun mġhamra b'ħames xenarji ewlenin biex twettaq ippjanar minn qabel kontinwu biex l-UE tkun tista' taġixxi b'mod effettiv u aktar rapidu. L-ippjanar minn qabel ser jitqies ukoll fir-rekwiżiti għall-Kapaċità ta' Skjerament Rapidu tal-UE u jiffaċilita d-deċiżjonijiet politiċi meta tinqala' kriżi. Jenfasizza l-importanza partikolari ta' eżerċizzji reali regolari relatati mal-Kapaċità ta' Skjerament Rapidu tal-UE biex jissaħħu l-livell ta' tħejjija operazzjonali u l-interoperabbiltà tagħha. F'dan ir-rigward, huwa jilqa' l-ewwel eżerċizzju reali militari tal-UE fi Spanja fl-2023, jistenna b'interess l-eżerċizzju reali li jmiss fil-Ġermanja f'Novembru/Diċembru 2024, u jenfasizza l-importanza ta' attivitajiet ta' eżerċizzju kontinwi mill-2025 'l quddiem. Ifakkar ukoll fl-impenn li jitwessa' u jiġi estiż l-ambitu tal-kostijiet komuni għall-missjonijiet u l-operazzjonijiet militari tal-UE, l-eżerċizzji, u l-Kapaċità ta' Skjerament Rapidu tal-UE, u jistenna b'interess l-operazzjonalizzazzjoni ta' dan l-impenn malajr kemm jista' jkun.

Kmand u kontroll

20. Il-Kunsill jistieden lill-Istati Membri u lis-SEAE, ikomplu jaħdmu biex tintlaħaq il-kapaċità operazzjonali sħiħa tal-Kapaċità Militari tal-Ippjanar u t-Tmexxija (MPCC) sal-2025, b'mod partikolari billi jissaħħu s-sistemi siguri ta' komunikazzjoni u informazzjoni tagħha u jiġu pprovduti l-persunal u l-finanzjament meħtieġa, biex l-MPCC tkun tista' tippjana u twettaq operazzjonijiet kumplessi f'diversi oqsma, inkluż f'ambjenti mhux permissivi. Ifakkar li, ladarba l-MPCC tkun kompletament operazzjonali, għandha titqies bħala l-istruttura preferuta ta' kmand u kontroll għall-missjonijiet, l-operazzjonijiet, l-eżerċizzji, u l-Kapaċità ta' Skjerament Rapidu tal-UE. Fir-rigward tal-PSDK ċivili, il-Kunsill ifakkar fl-importanza li jsir progress fir-riforma organizzattiva tal-Kapaċità Ċivili tal-Ippjanar u t-Tmexxija (CPCC) u jimpenja ruħu li jsaħħaħ u jiżviluppa s-CPCC fil-Kwartieri Ġenerali tal-Operazzjonijiet Ċivili.

21. Il-Kunsill itenni l-importanza tal-mobbiltà militari għas-sigurtà u d-difiża Ewropea, inkluż network li jiffunzjona tajjeb. Huwa jappella lill-Istati Membri biex jimplimentaw b'urġenza l-Wegħda ta' Mobbiltà Militari stabbilita f'anness ta' dawn il-konklużjonijiet. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jaqbel li jħaffef il-moviment ta' forzi militari fuq skala kbira u b'avviż qasir fl-Unjoni u lil hinn minnha permezz ta' impenji nazzjonali koerenti f'komplementarjetà mal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Mobbiltà Militari 2.0¹. Il-Kunsill jibqa' impenjat ukoll li jkompli jsahha is-sħubija ta' benefiċċju reċiproku bejn l-UE u n-NATO fil-qasam tal-mobbiltà militari, fil-qafas tat-tliet Dikjarazzjonijiet Konġunti tal-2016, l-2018, u l-2023, b'rispett sħiħ tal-prinċipji gwida maqbula kif ukoll l-awtonomija tat-tehd tad-deċiżjonijiet taż-żewġ organizzazzjonijiet, u b'kont meħud ta' approċċ ta' 360 grad. Il-Kunsill jagħraf ukoll li t-tisħiħ tal-mobbiltà militari jeħtieġ riżorsi, investiment u sforzi adegwati kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE, b'rispett sħiħ għas-sovranità tal-Istati Membri u mingħajr ma jiġu preġudikati n-negozjati futuri tal-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss. Il-Kunsill jistieden lis-SEAE, flimkien mas-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni, l-EDA, u l-proġetti PESCO, jikkoordinaw ir-rendikont regolari tal-progress li jkun sar, bil-ħsieb tal-implimentazzjoni sħiħa u komprensiva tal-Wegħda tal-Mobbiltà Militari sal-2026.

¹ 15047/22.

22. Il-Kunsill ifakkar fid-determinazzjoni tal-UE li turi assistenza reċiproka u solidarjetà f'każ ta' aggressjoni kontra wieħed mill-Istati Membri. Itenni li l-UE ser tkompli tinvesti fl-assistenza reċiproka tagħha skont l-Artikolu 42(7) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea kif ukoll fis-solidarjetà skont l-Artikolu 222 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari permezz ta' eżerċizzji frekwenti. Dan m'għandux jippreġudika l-karattru speċifiku tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża ta' ċerti Stati Membri. L-impenji u l-kooperazzjoni f'dan il-qasam għandhom ikunu konsistenti mal-impenji meħuda fl-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana, li, għal dawk l-Istati li huma membri tagħha, tibqa' s-sisien tad-difiża kollettiva tagħhom u l-forum għall-implimentazzjoni tagħha.

PSDK ċivili

23. Il-Kunsill jilqa' l-passi meħuda biex tissaħħaħ l-effettività tal-PSDK ċivili permezz tal-implimentazzjoni tal-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK 2023-2027² u jistenna b'interess il-prinċipji gwida għall-PSDK ċivili sa tmiem l-2024. Ihegġegħ lill-Istati Membri jħaffu l-isforzi tagħhom biex b'mod konġunt iżidu l-għadd ta' esperti sekondati għall-missjonijiet ċivili tal-PSDK, inkluż billi jsaħħu l-parteċipazzjoni tan-nisa fil-PSDK ċivili. Jilqa' l-ewwel Konferenza Annwali dwar il-Kapaċitajiet Ċivili u l-ewwel Konferenza dwar il-Ġenerazzjoni tal-Kapaċità tar-Riżorsi Umani, li t-tnejn saru f'April 2024, u jistenna b'interess l-istabbiliment ta' għan ambizzjuż għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet fit-tieni nofs tal-2024 bħala parti mill-Proċess tal-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet Ċivili. Il-Kunsill itenni l-ħtieġa għal diskussjonijiet regolari dwar il-PSDK ċivili fil-Kunsill Affarijiet Barranin.

² 9588/23.

Tisħiħ tar-reżiljenza tal-UE u l-iżgurar tal-aċċess għal dominji strateġiċi

Theddid ċibernetiku u ibridu, manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin (FIMI)

24. Il-Kunsill itenni l-importanza li nsaħħu l-prevenzjoni, il-kxif, id-deterrenza, ir-reżiljenza, u r-rispons tagħna għal theddid ibridu, FIMI, theddid ċibernetiku, u attivitajiet malizzjużi mmirati lejn l-UE, l-Istati Membri tagħha, u s-sħab bl-iżvilupp ulterjuri ta' strumenti speċifiċi. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jilqa' l-linji gwida ta' implimentazzjoni riveduti tas-Sett ta' Għodod taċ-Ċiberdiplomazija³, u l-operazzjonalizzazzjoni ulterjuri tas-Sett ta' Għodod tal-UE kontra t-Theddid Ibridu u s-sett ta' għodod tal-UE għall-ġlieda kontra l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin (sett ta' għodod FIMI). Huwa jappella għal aktar simplifikazzjoni u żvilupp ta' dawn is-settijiet ta' għodod u jħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-atturi rilevanti tal-UE biex jisfruttaw il-potenzjal sħiħ tal-istrumenti u l-għarfien esperti eżistenti, inkluż fejn meħtieġ billi jikkomplementaw ir-reġimi ta' miżuri restrittivi eżistenti u jiżviluppaw miżuri restrittivi ġodda biex jindirizzaw l-attivitajiet ibridi u l-FIMI. Sabiex jiġu żgurati għarfien tas-sitwazzjoni u prospettiva strateġika bbażati fuq l-intelligence, il-Kunsill itenni li sal-2025 jenħtieġ li l-Kapaċità Unika tal-Analiżi tal-Intelligence tal-UE tissaħħaħ aktar billi jissaħħu r-riżorsi u l-kapaċitajiet tagħha.

³ 10289/23.

25. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ aktar il-kapaċità tal-UE li tindirizza mgħiba malizzjuża, b'mod partikolari fid-dawl tal-elezzjonijiet Ewropej li ġejjin, u jappella lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex, f'koordinazzjoni mal-Istati Membri, javvanzaw approċċ ta' spettru sħiħ għar-reżiljenza, ir-rispons, il-prevenzjoni tal-konflitti, il-kooperazzjoni, u l-istabbiltà fiċ-ċiberspazju inkluż, fejn xieraq, miżuri protettivi proattivi. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jappella lir-Rappreżentant Għoli biex jippreżenta kunċett u pjan direzzjonali sa tmiem l-2024 għall-istabbiliment ta' Ċentru ta' Koordinazzjoni tal-UE għaċ-Ċiberdifiża (EUCDCC) fl-2025 biex jissaħħu l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni fil-qasam taċ-ċiberdifiża u biex tiġi esplorata l-inklużjoni tal-ambjent tal-informazzjoni u l-gwerra elettronika fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu. Il-Kunsill jilqa' l-ħidma ta' proġetti PESCO relatati f'dan ir-rigward.

Barra minn hekk, il-Kunsill jilqa' u jinkoraġġixxi koordinazzjoni mill-qrib ma' sħab tal-istess fehma biex jiġi promoss l-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar prattika dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni, u l-ġlieda kontra t-theddid FIMI, inkluż fil-Mekkaniżmu ta' Rispons Rapidu tal-G7. Il-Kunsill jilqa' l-progress li sar biex il-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK jiġu mġhammra bi strumenti speċifiċi mis-sett ta' għodod FIMI, peress li dan ser itejjeb b'mod sinifikanti r-reżiljenza u l-effettività tagħhom fil-ġlieda kontra t-theddid FIMI, u jenfasizza l-importanza ta' komunikazzjonijiet strateġiċi b'saħħithom. L-istabbiliment taċ-Ċentru tal-Kondiviżjoni u tal-Analiżi tal-Informazzjoni (ISAC) tal-FIMI huwa pass sinifikanti lejn it-tisħiħ tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni u l-kooperazzjoni ma' u fost is-soċjetà ċivili u sħab oħra tal-istess fehma.

26. Il-Kunsill jilqa' l-ftehim dwar il-Qafas ta' Gwida għall-istabbiliment prattiku tat-Timijiet ta' Rispons Rapidu għat-Theddid Ibridu. Permezz tal-mobilizzazzjoni tal-għarfien espert rilevanti fil-livell tal-UE u b'avviż qasir meta jkun meħtieġ, it-timijiet ser jikkostitwixxu strument importanti fis-Sett ta' Għodod tal-UE kontra Theddid Ibridu biex jappoġġaw lill-Istati Membri, lill-pajjiżi sħab, u lill-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK fit-tisħiħ tar-reżiljenza tagħhom għat-theddid ibridu u fil-ġlieda kontrib. Il-Kunsill jappella lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, jagħmlu t-timijiet kompletament operazzjonali.

27. Il-Kunsill ifakkar li s-sistemi u s-servizzi spazjali huma kruċjali għall-funzjonament tas-soċjetà, l-ekonomija, u s-sigurtà u d-difiża tagħna. Huwa jappella lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex jimplimentaw malajr l-Istrateġija Spazjali għas-Sigurtà u d-Difiża f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri. Il-Kunsill jilqa' t-twettiq tal-ewwel analiżi klassifikata annwali tax-xenarju tat-theddid spazjali kif ukoll l-eżerċizzju ta' Rispons għat-Theddid Spazjali f'Marzu. Jenfasizza l-ħtieġa li jkompli jittejjeb ir-Rispons tal-UE għat-theddid spazjali u, għal dan l-għan, jistieden lir-Rappreżentant Għoli biex jippreżenta lill-Kunsill rieżami tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sigurtà tas-sistemi u s-servizzi taħt il-Programm/i Spazjali tal-Unjoni, kif ukoll proposta biex jiġi emendat sabiex jiġi indirizzat aħjar ix-xenarju l-ġdid ta' theddid spazjali. Dan ser jiżgura li l-għodod rilevanti tal-UE jkunu jistgħu jiġu mobilizzati b'mod f'waqt u koordinat meta l-UE tiġi kkonfrontata b'theddida spazjali li tista' taffettwa s-sigurtà u d-difiża tal-Unjoni. Fl-istess ħin, l-UE ser iżżid l-isforzi biex taħdem mas-sħab biex tippromwovi l-istabbiliment ta' normi ta' mġiba responsabbli fl-ispazju fil-kuntest tan-NU fil-firxa sħiħa ta' attivitajiet spazjali, u b'hekk tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-promozzjoni tas-sigurtà fl-ispazju ekstrasferiku, kif ukoll għas-salvagwardja tal-użu stabbli, sikur u sostenibbli tal-ispazju ekstrasferiku għal finijiet paċifiċi.

Filwaqt li jfakkar li l-Għarfien tad-Dominju Spazjali huwa prerogattiva sovrana, il-Kunsill jilqa' l-isforzi mill-Istati Membri rilevanti biex jikkondividu informazzjoni mal-UE f'dan il-qasam. Huwa jinkoraġġixxi l-iżvilupp kollaborattiv ta' kapaċitajiet speċifiċi addizzjonali meħtieġa għall-Għarfien tad-Dominju Spazjali tal-Istati Membri u jtenni l-appoġġ tiegħu għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-UE ta' Sorveljanza u Insewiment fl-Ispazju. Il-Kunsill jissottolinja wkoll ir-rwol strumentali tal-EU SatCen fl-appoġġ tat-teħid ta' deċiżjonijiet awtonomu tal-UE u l-Istati Membri tagħha u jilqa' l-isforzi li għaddejjin mir-Rappreżentant Għoli u l-Istati Membri biex isaħħu l-EU SatCen biex tingħata spinta lill-kapaċità awtonoma tal-intelligence ġeospazjali tagħna, kif iddikjarat fil-Boxxla Strateġika. Huwa jilqa' wkoll il-valutazzjoni li għaddejja tal-opzjonijiet possibbli għall-iżvilupp ta' servizz governattiv potenzjali ġdid tal-UE għall-osservazzjoni tad-dinja li jqis il-kapaċitajiet u l-inizjattivi eżistenti u daww ippjanati u jwieġeb għall-ħtiġijiet identifikati, filwaqt li jibni fuq l-għarfien espert u l-komplementarjetà bejn l-EU SatCen u l-Aġenzija tal-UE għall-Programm Spazjali. Il-Kunsill jenfasizza wkoll l-importanza ta' sistemi ta' komunikazzjoni u ta' navigazzjoni bis-satellita siguri b'appoġġ kemm għad-dominju tad-difiża kif ukoll dak ċivili.

Qasam marittimu

28. L-UE qed tkompli tikkonsolida l-pożizzjoni tagħha b'ħala attur aktar b'saħħtu tas-sigurtà marittima f'konformità mal-Istrateġija dwar is-Sigurtà Marittima tal-UE (EUMSS) u l-Pjan ta' Azzjoni tagħha⁴. Il-Preżenzi Marittimi Koordinati (CMP) jippermettu preżenza marittima Ewropea akbar u sensibilizzazzjoni fil-Golf tal-Guinea kif ukoll fil-Majjistral tal-Oċean Indjan, jikkontribwixxu għas-sigurtà marittima b'għarfien, analiżi u informazzjoni kondiviżi, u jippromwovu d-dritt internazzjonali, b'mod partikolari l-UNCLOS. Il-Kunsill jilqa' l-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-kunċett tas-CMP, jistieden lis-SEAE jressaq malajr proposti għat-titjib ulterjuri tiegħu, u jaqbel dwar l-estensjoni tal-mandat tagħhom sar-rebbiegħa 2026 għas-CMP tal-Golf tal-Guinea u sar-rebbiegħa tal-2025 għas-CMP tal-Majjistral tal-Oċean Indjan. Il-Kunsill ihegġegħ lir-Rappreżentant Għoli u lill-Istati Membri jkomplu jorganizzaw eżerċizzji ta' sigurtà marittima inkluż eżerċizzji annwali tal-flotot navali u l-gwardji tal-kosta tal-Istati Membri. Huwa jilqa' l-parteċipazzjoni tal-Istati Membri u tal-aġenziji tal-UE fl-eżerċizzju tas-sigurtà marittima MARSEC, organizzat minn Spanja f'Mejju 2024.

Dominju tal-Ajru

29. Id-dominju tal-ajru qed isir dejjem aktar konġestjonat u kkontestat. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jilqa' r-riflessjoni strateġika biex jiġi żgurat aċċess Ewropew liberu, sikur u sigur għall-ispazju tal-ajru, imwettaq f'konformità mal-Boxxla Strateġika. Jistenna b'interess proposta għal strateġija speċifika tal-UE għall-ispazju tal-ajru għas-sigurtà u d-difiża bil-ħsieb tal-adozzjoni tagħha fl-2025.

⁴ 14280/23.

30. Il-Kunsill jappella għall-implimentazzjoni rapida tal-komunikazzjoni konġunta dwar ir-rabta bejn il-klima u s-sigurtà⁵. Dan jinkludi b'mod partikolari l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' twissija bikrija u ta' prospettiva, l-istabbiliment tal-Mekkaniżmu ta' Appoġġ għall-Klima u d-Difiża, l-iskjerament ta' konsulenti ambjentali għall-missjonijiet u l-operazzjonijiet kollha tal-PSDK sal-2025, u l-operazzjonalizzazzjoni sħiħa tal-Pjattaforma speċifika tal-UE għat-Taħriġ. Il-Kunsill jistieden lis-SEAE biex, flimkien mal-Kummissjoni, jirrapporta malajr kemm jista' jkun dwar il-progress li jkun sar. Il-Kunsill iħeġġeġ biex isir l-aħjar użu mill-għodod u l-istrumenti tal-kapaċità tad-difiża tal-UE biex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni ekoloġika. Huwa jilqa' l-isforzi li saru mill-Istati Membri biex jiżviluppaw strateġiji nazzjonali biex iħejju l-forzi armati tagħhom għat-tibdil fil-klima u jirrikonoxxi n-*Network* tal-UE għall-Klima u d-Difiża bħala pjattaforma ta' referenza għall-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u l-esplorazzjoni ta' opportunitajiet kollaborattivi. Barra minn hekk, fid-dawl tal-impatt u r-riskji ġġenerati mit-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali, il-Kunsill jirrikonoxxi l-ħtieġa għal azzjoni adegwata ta' adattament u mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima fost il-forzi armati. Il-Kunsill jagħraf li effiċjenza u sostenibbiltà mtejbja fl-enerġija jnaqqsu l-impronta tal-karbonju, il-kostijiet, kif ukoll il-piż loġistiku, filwaqt li jsaħħu l-effettività operazzjonali. Huwa jilqa' l-isforzi li għaddejjin tal-Forum ta' Konsultazzjoni tal-UE għall-Enerġija Sostenibbli fis-Settur tad-Difiża u s-Sigurtà f'dan il-kuntest.

⁵ 11283/23.

Stabbiliment ta' sħubijiet

31. Is-sħubijiet dwar il-paċi, is-sigurtà u d-difiża huma pilastru indispensabbli tal-isforzi tal-UE biex tippromwovi l-paċi u s-sigurtà madwar id-dinja. L-UE hija impenjata bis-sħiħ li tippromwovi l-kooperazzjoni internazzjonali, tirrispetta l-ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli u ssaħħa multilateraliżmu effettiv fil-livelli kollha, bin-Nazzjonijiet Uniti fil-qalba tiegħu. L-UE ser tkompli ssaħħa, tapprofondixxi u tespandi sħubijiet imfassla apposta u ta' benefiċċju reċiproku ma' sħab bilaterali u multilaterali bbażati fuq valuri u interessi kondiviżi, f'konformità mal-Boxxla Strateġika u l-proċeduri stabbiliti.
32. Il-Kunsill jilqa' wkoll it-tisħiħ li jkompli għaddej tas-sħubija strateġika UE-NU dwar operazzjonijiet ta' paċi u maniġġar ta' kriżijiet u l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet konġunti għall-2022-2024⁶. Is-Summit tal-Futur tan-NU li jmiss jikkostitwixxi opportunità unika biex tingħata ħajja ġdida lis-sistema multilaterali u biex in-NU ssir adatta għall-futur kif ukoll aktar rappreżentattiva tad-dinja u s-soċjetajiet tal-lum, u b'hekk titnaqqas id-diskrepanza fil-fiduċja fil-konfront tal-istituzzjonijiet u fost il-membri tan-NU. Il-Kunsill jappoġġa l-Aġenda l-Ġdida għall-Paċi tas-Segretarju Ġenerali tan-NU u jistenna b'interess li jara r-rakkomandazzjonijiet tagħha biex tissaħħa is-sistema kollettiva tagħna ta' paċi u sigurtà biex nipprevjenu, nimmaniġġaw u nsolvu aħjar il-kunflitti kemm f'dominji tradizzjonali kif ukoll f'dominji ġodda riflessi fil-Patt għall-Futur. Huwa jilqa' l-ħidma biex tkompli tiġi żviluppata s-Sħubija Strateġika NU-UE dwar il-paċi u s-sigurtà biex tiġi adattata għar-realtà ġeopolitika l-ġdida, inkluż bil-ħsieb li jiġi adottat sett ġdid ta' prioritajiet għall-2025-2027.

⁶ 5451/22.

33. Il-Kunsill itenni li s-sħubija strateġika tal-UE man-NATO mirfuda mir-rabta transatlantika b'saħħitha hija essenzjali għas-sigurtà u l-istabbiltà Ewro-Atlantika, kif muri mill-ġdid fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Il-Kunsill jibqa' impenjat bis-siġġ biex ikompli jsaħħaħ, japprofondixxi u jespandi din is-sħubija ta' benefiċċju reċiproku, permezz tad-djalogu politiku u l-kooperazzjoni fil-qafas tat-tliet Dikjarazzjonijiet Konġunti tal-2016, l-2018 u l-2023, u b'rispett siġġ tal-prinċipji gwida maqbula tat-trasparenza, ir-reċiproċità u l-inklużività kif ukoll l-awtonomija tat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-proċeduri taż-żewġ organizzazzjonijiet. Il-Kunsill jilqa' l-progress sinifikanti miksub b'mod ġenerali, inkluż dwar id-djalogu politiku, il-ġlieda kontra t-theddid ibridu, iċ-ċibersigurtà u d-difiża, il-FIMI, ir-reżiljenza, il-mobbiltà militari, l-eżerċizzji, l-operazzjonijiet ta' maniġġar ta' kriżijiet, l-ispazju, il-klima u d-difiża, it-teknoloġiji emerġenti u fixkiela, in-nisa, il-paċi u s-sigurtà, u t-tiżi tal-kapaċitajiet għas-sħab.

34. Bil-ħsieb li s-sħubija bejn l-UE u n-NATO tittieħed fil-livell li jmiss, il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li jiġi aġġornat is-sett komuni ta' proposti u jiġi żviluppat u adottat dokument ta' implimentazzjoni ġdid, komprensiv u li jħares 'il quddiem li jinkludi l-ispettru sħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO qabel tmiem l-2024. Fid-dawl ta' aktar kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża, koerenza dejjem akbar tal-eżiti bejn il-proċessi rispettivi tal-ippjanar tad-difiża u tal-iżvilupp tal-kapaċitajiet, l-akkwist konġunt, u l-investimenti industrijali Ewropej fil-qasam tad-difiża, il-Kunsill jappella għal livell oġġla ta' kooperazzjoni, koordinazzjoni, u skambju mingħajr xkiel ta' informazzjoni b'mod inklużiv u nondiskriminatorju permezz ta' sistemi ta' komunikazzjoni siguri, inkluż informazzjoni klassifikata fil-livell tal-persunal. Huwa jenfasizza f'dan ir-rigward il-ħtieġa li jkun permess skambju ta' informazzjoni klassifikata fil-livell tal-persunal bejn l-EDA u n-NATO, inkluż l-Aġenzija tal-Appoġġ u l-Akkwist tan-NATO (NSPA) u l-Aċċelleratur tal-Innovazzjoni fid-Difiża għall-Atlantiku tat-Tramuntana (DIANA). Il-Kunsill jistieden lill-EDA biex iżżomm lill-Istati Membri infurmati regolarment dwar il-progress qabel il-konklużjoni ta' tali arranġament. Il-Kunsill jistenna b'interess id-disa' rapport ta' progress li jmiss dwar is-sett komuni ta' proposti li għandu jiġi ppreżentat b'mod konġunt mir-Rappreżentant Għoli u s-Segretarju Ġenerali tan-NATO.

35. Il-Kunsill jilqa' l-impenn tal-UE rigward il-prevenzjoni tal-konflitti u l-medjazzjoni għall-paċi, aspett essenzjali tar-rwol globali tal-UE fil-promozzjoni tal-paċi u s-sigurtà. F'dan ir-rigward, jappella għal tisħiħ ambizzjuż tas-sett ta' għodod tal-UE inkluż permezz ta' kooperazzjoni man-Nazzjonijiet Uniti u sħab multilaterali oħra biex jaħdmu flimkien f'oqsma ta' interess konġunt peress li l-multilateraliżmu effettiv jeħtieġ li jibqa' l-element ċentrali tal-kooperazzjoni għall-paċi u s-sigurtà. B'mod partikolari, il-Kunsill jistenna b'interess l-iżvilupp ta' Pjan Direzzjonali speċifiku konġunt bejn l-UE u l-OSKE dwar il-prevenzjoni tal-konflitti u l-maniġġar tal-kriżijiet, f'konformità mal-Boxxla Strateġika.

Il-Kunsill jirrikonoxxi li huwa kruċjali għall-UE li tiżviluppa sħubija saħansitra eqreb u aktar ambizzjuża għall-paċi, is-sigurtà, il-governanza, u l-iżvilupp mal-Afrika, ibbażata fuq aġendi ta' benefiċċju reċiproku, tagħlimiet meħuda, riflessjoni konġunta aktar profonda mas-sħab Afrikani dwar il-ħtiġijiet u l-isfidi lokali u reġjonali, u soluzzjonijiet imfassla apposta, gradwali u modulari.

Il-Kunsill jissottolinja li s-sigurtà tal-Lvant Nofsani u l-Afrika ta' Fuq u l-Ewropa huma interkonnessi ħafna u jappella għal kooperazzjoni msaħħa fis-sigurtà u d-difiża mas-sħab reġjonali, inkluż il-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf.

36. Il-Kunsill itenni l-importanza li jiġu żviluppati aktar il-kooperazzjoni bilaterali u djalogi speċifiċi dwar is-sigurtà u d-difiża, inkluż dawk tematiċi. Huwa jfakkar b'mod partikolari fil-ħtieġa li tingħata spinta lill-kooperazzjoni fis-sigurtà u d-difiża mas-sħab transatlantiċi. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza ta' approċċ aktar strateġiku għall-paċi, is-sigurtà u d-difiża ma' pajjiżi terzi, permezz tat-tisħiħ tas-sett ta' għodod ta' sħubija tal-UE, filwaqt li l-Istati Membri jinżammu involuti bis-sħiħ. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jenfasizza l-istrument il-ġdid ta' Sħubija għas-Sigurtà u d-Difiża u jistenna b'interess l-implimentazzjoni tiegħu b'mod immirat u li jkun ta' benefiċċju reċiproku. F'dan ir-rigward, jilqa' l-iffirmar tas-Sħubijiet għas-Sigurtà u d-Difiża mar-Repubblika tal-Moldova u jistenna b'interess l-iffirmar tas-Sħubijiet għas-Sigurtà u Difiża addizzjonali, bl-ewwel wieħed man-Norveġja. L-ewwel edizzjoni tal-Forum ta' Schuman dwar is-Sigurtà u d-Difiża f'Marzu 2023 offriet pjattaforma unika għal skambji fil-livell politiku ma' sħab bilaterali u multilaterali dwar sfidi ewlenin għall-paċi, is-sigurtà u d-difiża. Il-Kunsill jistenna b'interess it-tieni edizzjoni tiegħu fit-28 u d-29 ta' Mejju 2024.
-

Wegħda tal-Mobbiltà Militari 2024

Il-Kunsill jirrikonoxxi li:

- Il-moviment rapidu, effiċjenti u mingħajr xkiel tal-forzi militari huwa vitali għas-sigurtà u d-difiża Ewropej peress li jippermetti rispons kredibbli u rapidu għat-theddid u l-isfidi madwar l-Ewropa u lil hinn minnha. Dan japplika wkoll fil-kuntest tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) tal-UE u b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Kapaċità ta' Skjerament Rapidu tal-UE kif stabbilit fil-Boxxla Strateġika tal-UE. Huwa daqstant ieħor importanti għall-attivitajiet nazzjonali u multinazzjonali, b'mod partikolari fil-qafas tan-NATO;
- Il-wegħda tal-Mobbiltà Militari tal-2018 ipprovdiet kontribut importanti għall-isforzi tal-UE dwar il-Mobbiltà Militari. Issa hija meħtieġa wegħda mġedda, ibbażata fuq impenji usa' u aktar ambizzjużi biex jiġu indirizzati l-lakuni li fadal u l-ħtieġa dejjem akbar ta' reżiljenza u tħejjija f'ambjent ġeostrateġiku dejjem aktar diffiċli fil-viċinat tal-UE, b'mod partikolari wara l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna iżda wkoll lil hinn minnha, filwaqt li jitqies approċċ ta' 360 grad;

- Huwa essenzjali li jitħaffef il-moviment bl-Ajru, l-Art u l-Baħar u tiżdied ir-reżiljenza ġenerali, inkluż dik ċibernetika. Il-moviment ta' forzi militari fuq skala kbira fi żmien qasir, inkluż persunal militari, il-materjal tagħhom, u tagħmir fl-UE u lil hinn minnha jeħtieġ sforz konġunt fil-livelli tal-UE u nazzjonali anke fi żmien ta' paċi. L-applikazzjoni ta' approċċ ta' gvern sħiħ u min-naħa tas-soċjetà kollha u l-kontribut għal aktar sinerġiji bejn il-ħtiġijiet ċivili u dawk militari b'mod li jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku, b'mod partikolari mill-perspettiva ta' użu doppju, hija kruċjali f'dak ir-rigward kif stabbilit ukoll fil-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Mobbiltà Militari 2.0;
- It-tisħiħ tal-mobbiltà militari fl-UE jirrikjedi riżorsi u investiment adegwati kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell tal-UE biex jippermetti l-moviment rapidu tal-forzi u t-tagħmir, mingħajr preġudizzju għall-qafas finanzjarju pluriennali attwali u n-negozjati dwar il-qafas futur;
- L-impenji nazzjonali tal-Istati Membri għandhom rwol ċentrali biex jintlaħaq b'suċċess l-għan kondiviż ta' network ta' Mobbiltà Militari konness tajjeb, ibbażat fuq kurituri u nodi tat-trasport multimodali, inkluż ċentri loġistiċi, bi skadenzi iqsar, ostakli amministrattivi u kapaċitajiet reżiljenti, ċibersiguri, ippreparati aħjar u sostenibbli;

- Il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Mobbiltà Militari 2.0 jappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-impenji stabbiliti hawn taħt, mas-SEAE, is-servizzi tal-Kummissjoni, l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, u entitajiet u aġenziji rilevanti oħra tal-UE. Barra minn hekk, il-proġetti PESCO dwar il-"Mobbiltà Militari" u n-"Network ta' Ċentri Loġistiċi fl-Ewropa u Appoġġ għall-Operazzjonijiet" jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' xi impenji ġodda;
- It-tielet Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO tirrikonoxxi kisbiet tanġibbli fil-qasam tal-Mobbiltà Militari, iżda tappella wkoll għal tisħiħ ulterjuri tal-kooperazzjoni f'dan il-qasam. Approċċ koerenti u li jsaħħaħ b'mod reċiproku mal-isforzi tan-NATO dwar il-Mobbiltà Militari, b'rispett sħiħ tal-prinċipji gwida li jirregolaw is-sħubija bejn l-UE u n-NATO, jiġifieri l-inklużività, it-trasparenza, ir-reċiproċità, u l-awtonomija tat-teħid tad-deċiżjonijiet, huwa essenzjali u ta' interess kondiviż kemm għall-organizzazzjonijiet kif ukoll għall-Istati Membri kollha. Huwa ferm importanti li l-kooperazzjoni tiġi intensifikata b'mod tanġibbli u operazzjonali, biex jiġi żgurat li l-Mobbiltà Militari tibqa' "inizjattiva ewlenija" tal-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO;
- Il-parteciċipazzjoni ta' pajjiżi terzi fi proġetti rilevanti tal-PESCO tkompli tipprovdi valur miżjud, inkluż minn perspettiva transatlantika u dik bejn l-UE u n-NATO, f'konformità mal-kundizzjonijiet u l-prinċipji maqbula⁷.

⁷ Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1639.

Il-Kunsill għalhekk jilqa' l-impenn mill-Istati Membri li jimplimentaw l-azzjonijiet li ġejjin malajr kemm jista' jkun iżda mhux aktar tard mill-2026, f'konformità mal-leġislazzjoni u l-proċeduri nazzjonali, ir-rekwiżiti kostituzzjonali tal-Istati Membri individwali rigward it-territorju nazzjonali tagħhom u l-movimenti militari u t-trasport, u l-karattru speċifiku tal-politiki ta' sigurtà u difiża tagħhom:

1. Tingħata prijorità lill-investimenti fl-infrastruttura tat-trasport b'użu doppju, billi jiġu applikati r-"Rekwiżiti Militari għall-Mobbiltà Militari fl-UE u lil hinn minnha", bil-ħsieb li jitlestew b'mod urġenti l-kuriturijiet prijoritarji tal-UE għal movimenti militari fuq skala kbira u b'avviż qasir kif identifikati b'mod konġunt mill-Kummissjoni u s-SEAE, inkluż l-Istat Maġġur tal-UE, f'kooperazzjoni man-NATO, b'kont meħud ta' approċċ ta' 360 gradi. Ser tingħata prijorità partikolari lill-investimenti fl-infrastruttura tat-trasport b'użu doppju li jindirizzaw konġestjonijiet speċifiċi għal movimenti militari jew li inkella għandhom valur miżjud militari għoli.
2. L-infrastruttura u l-faċilitajiet tat-trasport multimodali meħtieġa jiġu faċilitati, imsaħħa u ppożizzjonati f'approċċ ta' network tul dawn il-kuriturijiet, inkluż bl-użu sħiħ tal-proġetti PESCO rilevanti. Dan jista' japplika pereżempju għal ċentri loġistiċi u żoni ta' tranżitu, ċentri ta' appoġġ għall-konvojs, infrastruttura għat-tagħbija u l-ħatt, infrastruttura ta' appoġġ għall-fjuwil, eċċ.

3. Jingħataw permessi ta' moviment transfruntier fi żmien massimu ta' tlett ijiem ta' xogħol, filwaqt li jirrikonoxxu li l-kisba ta' dan l-oġġettiv teħtieġ sforzi sostanzjali fil-livell nazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward ta' merkanzija ta' daqs eċċessiv u merkanzija perikoluża. Għaldaqstant, l-Istati Membri ser jipprioritizzaw b'mod urġenti miżuri biex jiżguraw li dan il-livell ta' ambizzjoni jkun jista' jintlaħaq fi żminijiet ta' kriżi, inkluż fil-kuntest tal-Kapaċità ta' Skjerament Rapidu tal-UE, kif ukoll bil-ħsieb li jiġu ffaċilitati eżerċizzji tematiċi reali u ta' simulazzjoni. Miżuri lejn dan l-oġġettiv għandhom jinkludu fost oħrajn: awtorizzazzjonijiet diplomatiċi "permanenti" għal attivitajiet taħt il-PSDK tal-UE, kif ukoll taħt in-NATO u oqsma nazzjonali u multinazzjonali oħra, b'mod partikolari permezz ta' arranġamenti bbażati fuq kurituri u proċeduri speċifiċi tal-Mobbiltà Militari kif ukoll permezz tal-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' proċeduri diġitalizzati u armonizzati fejn possibbli. Barra minn hekk, l-Istati Membri huma mħeġġa jistabbilixxu mekkaniżmi ta' koordinazzjoni multilaterali/bilaterali bil-ħsieb li jkomplu jarmonizzaw u jtejbu l-proċeduri tul il-kurituri ewlenin.
4. Jiġu avanzati l-isforzi biex jikkonsolidaw il-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni. Għal dan l-għan, it-twaqqif ta' grupp ta' koordinazzjoni interministerjali u bejn l-aġenziji fil-livell nazzjonali, f'konformità mal-approċċ ta' gvern sħiħ, biex jittejbu b'mod effettiv il-flussi tal-informazzjoni u tissaħħaħ il-koordinazzjoni ta' kuljum fost il-ministeri, l-aġenziji u l-awtoritajiet (lokali jew reġjonali) rilevanti ser jipprovdi bażi kostruttiva għall-Istati Membri. Barra minn hekk, in-network nazzjonali tal-Punti ta' Kuntatt stabbilit mill-proġett PESCO Mobbiltà Militari ser jiżgura t-trattament rapidu ta' talbiet għal movimenti transfruntiera u jkompli l-iskambji dwar l-aħjar prattiki u t-tagħlimiet meħuda filwaqt li jivvaluta kompiti addizzjonali matul l-2024.

5. Jiġi żgurat aċċess prijoritizzat tal-forzi armati għal modi, networks u assi tat-trasport rilevanti, inkluż l-ispazju tal-ajru meħtieġ, anke permezz tal-qafas regolatorju tal-UE, b'appoġġ għall-isforzi nazzjonali, b'mod partikolari fi żminijiet ta' kriżi u kunflitt u fejn possibbli anke fi żmien ta' paċi, b'rispett sħiħ għas-sovranità tal-Istati Membri tal-UE fuq it-territorju nazzjonali tagħhom u l-proċessi nazzjonali tat-teħid tad-deċiżjonijiet rigward il-movimenti militari. Għal dan l-għan, l-Istati Membri għandhom jiżguraw id-disponibbiltà tal-kapaċità meħtieġa, fost l-oħrajn permezz tal-istabbiliment ta' sħubiji strateġiċi, inkluż inizjattivi konġunti jew nazzjonali, b'mod partikolari kuntratti qafas mal-fornituri tat-trasport ċivili.
6. L-Istati Membri jitħeġġu jikkondividu l-informazzjoni u l-aħjar prattiki dwar il-kooperazzjoni fi ħdan kurituri strateġiċi. Dan jista' pereżempju jsir permezz ta' proġetti PESCO rilevanti u l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA).
7. Tissaħħaħ ir-reżiljenza ġenerali fl-oqsma kollha relatati mas-settur tat-trasport, inkluż iċ-ċibersigurtà. Miżuri konkreti għandhom jinkludu l-indirizzar tal-aspetti tal-Mobbiltà Militari fil-valutazzjonijiet tar-riskju taċ-ċibersigurtà nazzjonali u fil-livell tal-UE biex tissaħħaħ ir-reżiljenza ċibernetika tas-sistemi u s-servizzi tat-trasport b'użu doppju fil-livell nazzjonali.

8. Jiġu appoġġati u jitwettqu eżerċizzji biex jittestjaw il-movimenti militari transfruntieri fl-oqsma kollha, b'mod partikolari l-permessi, l-arranġamenti, il-proċeduri, u d-dispożizzjonijiet relatati, inkluż permezz ta' Eżerċizzji regolari ta' simulazzjoni tal-UE dwar il-Mobbiltà Militari, eżerċizzji militari reali tal-UE marbuta wkoll mal-Kapaċità ta' Skjerament Rapidu tal-UE, jew billi jipparteċipaw f'eżerċizzji multinazzjonali oħra kif xieraq.
9. Jiġu żviluppati l-kapaċitajiet ta' difiża meħtieġa għat-trasport militari, inkluż il-kapaċitajiet ta' trasport strateġiku, abbażi tas-sejbiet tal-CARD u l-Prijoritajiet tal-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet tal-UE għall-2023, b'mod partikolari l-prijorità tiegħu "Mobbiltà Militari", f'konformità mal-prinċipju tas-sett uniku ta' forzi.
10. Biex jittaffew in-nuqqasijiet fil-kapaċitajiet eżistenti rilevanti għall-iskjerament rapidu, is-sostenn, u l-iskjerament mill-ġdid ta' tagħmir u persunal militari fl-UE u lil hinn minnha, l-Istati Membri ser jeżaminaw soluzzjonijiet strutturati komuni għall-kapaċitajiet strateġiċi ta' trasport għall-modi kollha tat-trasport kif adatt.

11. Jìgu appoġġati inizjattivi li għaddejjin biex jìgu diġitalizzati l-formalitajiet doganali militari relatati biex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq il-moviment ta' truppi u materjal mit-territorju doganali tal-Unjoni u lejhom. Għal dan l-għan, l-Istati Membri tal-UE huma impenjati li jżidu l-kooperazzjoni bejniethom u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, b'mod partikolari l-EDA u s-servizzi tal-Kummissjoni, f'koordinazzjoni man-NATO, filwaqt li jsegwu approċċ ta' gvern shìh u min-naħa tas-soċjetà kollha.
12. Tiġi promossa sensibilizzazzjoni sistematika fost iċ-ċittadini u s-soċjetà ċivili, inkluż permezz ta' kampanji ta' informazzjoni speċifiċi, pereżempju marbuta ma' eżerċizzji (reali), u impenji għas-sensibilizzazzjoni u l-fehim tal-importanza tal-Mobbiltà Militari.
13. Filwaqt li jaħdmu lejn is-sinkronizzazzjoni tal-isforzi, l-Istati Membri ser jiżguraw allinjament aktar mill-qrib fil-livell nazzjonali fost il-politiki, id-duttrini, u l-linji gwida rispettivi, filwaqt li jagħmlu użu shìh mill-opportunitajiet li jirriżultaw mis-sħubijiet fl-UE u fin-NATO.

Barra minn hekk, il-Kunsill jilqa' l-impenn mill-Istati Membri li jemendaw, kif xieraq, il-pjanijiet nazzjonali għall-Mobbiltà Militari kif meħtieġ sa tmiem l-2024 u ser jerġa' lura biex jivvaluta l-progress fuq bażi annwali.